REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/668

tal-15 ta' Novembru 2024

li jissupplimenta lir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli fid-dominju tal-forza tax-xogħol għas-suġġett *ad hoc* tal-2026 tal-Impjiegi tal-Pjattaformi Diġitali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/982 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Biex jiġu koperti l-ħtiġijiet identifikati fis-suġġetti dettaljati rilevanti, jeħtieġ jiġu speċifikati l-għadd u t-titolu tal-varjabbli fid-dominju tal-forza tax-xogħol għas-suġġett *ad hoc* tal-2026 tal-Impjiegi tal-Pjattaformi Diġitali.

(2) L-għadd tal-varjabbli li jridu jinġabru ma għandux jaqbeż b'aktar minn 5% lill-għadd tal-varjabbli miġbura għad-dominju tal-forza tax-xogħol fil-mument meta daħal fis-seħħ ir-Regolament (UE) 2019/1700.

(3) Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet xierqa ma' esperti nazzjonali bħala parti mit-tħejjija ta' dan ir-Regolament Delegat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd u t-titoli tal-varjabbli fid-dominju tal-forza tax-xogħol għas-suġġett *ad hoc* tal-2026 tal-Impjiegi tal-Pjattaformi Diġitali għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness.

([1]) ĠU L 261 I, 14.10.2019, p. 1.

Article 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-għadd u t-titolu tal-varjabbli fid-dominju tal-forza tax-xogħol fir-rigward tas-sett tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* tal-2026 tal-Impjiegi tal-Pjattaformi Diġitali.

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
3d. Parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol – *11-il varjabbli miġbura (11 relatati ma' suġġett* ad hoc)	Impjieg tal-pjattaformi diġitali	DPWORK	Qasam tal-attività tax-xogħol ewlieni bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar
		DPINTENS	Intensità tax-xogħol bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar
		DPHRSW	Għadd medju ta' sigħat bi ħlas maħdumin fix-xahar fl-aħħar 12-il xahar fuq il-pjattaformi diġitali
		DPINC	Sehem tal-introjtu totali mix-xogħol fuq il-pjattaformi diġitali meta mqabbel mal-introjtu personali totali fl-aħħar 12-il xahar
		DPMR	Raġuni ewlenija għax-xogħol bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar
		DPASG	Kompiti assenjati fix-xogħol ewlieni bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali mwettqa fl-aħħar 12-il xahar
		DPREJ	Possibbiltà ta' rifjut ta' kompiti fix-xogħol ewlieni bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar
		DPHSET	Awtorità li tiddeċiedi meta s-sigħat tax-xogħol isiru fix-xogħol ewlieni bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar
		DPPSET	Awtorità għall-iffissar tal-prezzijiet fix-xogħol ewlieni bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali fl-aħħar 12-il xahar
		DPINSCOV	Aċċess għal-liv bi ħlas jew għal benefiċċji tal-liv f'każ ta' mard
		DPMAIN	Xogħol bi ħlas fuq il-pjattaformi diġitali bħala impjieg ewlieni, it-tieni impjieg jew impjieg ieħor fil-ġimgħa ta' referenza